KLR 20/VIII/2021

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar il-Erbgħa, 24 ta' Frar 2021 fil-17:00.

PREŻENTI: Is-Sindku Josef Schembri, il-membri Michel Buttigieg, Joseph Debrincat, Marcell Tabone u Charlie Hili u s-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard.

SKUŻATI:- Il-Viċi Sindku Brian Azzopardi u l-membru Maria Portelli.

**20.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Wara t-talba ġew approvati l-minuti ta' l-aħħar laqgħa.

**20.2 Komunikazzjoni mis-Sindku**

Is-Sindku għarraf lill-preżenti li:-

20.2.1 ġiet sottomessa l-formola LC1 mal-Awtorita' tal-Artijiet fir-rigward tat-tismija ta' Triq Duminku Mintoff;

20.2.2 wara korrispondenza mingħand l-Av. Conrad Borg Manche', Chairman Eżekuttiv ta' Ambjent Malta, il-Kunsill issuġġerixxa li jsir *walking trail* f'Wied Grixti li hu l-wied li minn Qasam San Ġorġ jasal sa Triq Wied il-Lunzjata;

20.2.3 ġie estiż il-perijodu għall-implimentazzjoni tal-WiFi4EU.

20.2.4 Tressqet kopja tal-Appell 305/19 JB, PA 1423/19 - Michael Zammit kontra l-Awtorita' tal-Ippjanar. It-talba tas-Sur Zammit ġiet miċħuda.

**20.3 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-kunsillieri**

Tressqet korrispondenza mingħand:-

id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali rigward:-

20.3.1 SPI.SCI.8.2020 Espressjoni ta' Interess – Il-Belt jew Raħal Kulturali tas-Sena 2022. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jesplora x'possibilta' hemm sabiex tiġi sottomessa din l-espressjoni ta' nteress;

20.3.2 SPI.SCI.3.2021 Skema għall-Attiviajiet Kulturali Annawli 2021. Din tagħlaq fit-2 t' April 2021 u għandha terġa titrassaq fil-laqgħa ta' Marzu 2021;

20.3.3 *Case* 18/2021: Talba għall-Fondi ta' Aġġustmanet għas-sena 2021. Għandha timtela l-applikazzjoni.

Reġjun Għawdex dwar:-

20.3.4 Skema Reġjonali – Kultura Għawdex 2021 li tagħalaq fil-15 t'Awwissu 2021. Din ukoll ser terġa titressaq fil-laqgħa li jmiss;

20.3.5 Skema Reġjonali – Ambjent 2021 li tagħalaq fil-15 t'Awwissu 2021. Il-membri qablu li jiġi propost li titranġa s-*soft area* ta' mal-ġenb tal-parkeġġ il-kbir u tiġi proposta wkoll li ssir ġibja fi Triq l-10 ta' Ġunju biex tilqa' l-ilma li joħroġ mill-*playing field*;

20.3.6 parteċipazzjoni f'Festival Internazzjonali tal-Bizzilla ġewwa l-Kroazja f'Settembu 2021. Il-membri qablu li jiġu proposti tlett persuni Rabtin sabiex jipparteċipaw. Dawn huma Sunta Azzopardi, Frances Debrincat u Josephine Cassar.

l-Awtorita' tal-Ippjanar (PA) rigward:-

20.3.7 l-bilanċ tad-*Development Planning Funds* li bħalissa jammonta għall-€1,611,177.28;

20.3.8 PA/09850/19 – *to carry out alterations and additions to existing pre-1978 structure which consists of a disused farm and change of use to dwelling, site at, alley off,* Triq Dun Pawl Micallef. Il-Perit tal-Kunsill qal li din l-applikazzjoni saret sabiex struttura abbandunata ODZ tinbidel f'residenza. L-applikant qed jgħid li kienet *farm* u allura għandu dritt li jaqlibha f'residenza. Il-PA qed tgħid li ma ntweriet ebda' evidenza li kienet *farm*. Is-sit jiġi fuq ir-riħ tal-Lunzjata;

20.3.8 il-Comune di Goro fejn qed jintalab il-parteċipazzjoni tal-Kunsill tagħna fil-proġett 'Bando 2021'. Il-membri qablu li fil-preżent minħabba s-sitwazzjoni tal-Covid 19, l-parteċipazzjoni tal-Kunsill tagħna ma tistax tiġi kkunsidrata;

20.3.9 Jel Goranson li toqgħod fi Triq Madliena. Qed tgħid li l-i*schammel* tal-ġbir tal-iskart mhux jidħol f'din it-triq li hi *dead end*. Il-kuntrattur għandu jiġi mgħarraf b'dan;

20.3.10 John Micallef li lmenta fuq l-istat li tinsab fih Triq Sir Adrian Dingli.

## 20.4 Approvazzjoni tal-*Financial Statements* 2020

L-*accountant* tal-Kunsill ġie mistieden jidħol fil-kamra. Hu spjega d-dettalji kollha tal-*financial statements* għas-sena 2020. Dawn ġew approvati skond dokument A anness.

## 20.5 Estimi 2021

Ġew approvati l-estimi għas-sena 2021.  Dawn skont dokument B anness.

## 20.6 Immaniġġjar tat-traffiku

20.6.1 *Transport Malta* (TM) ħarġet il-permess għall-parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' ta' John Żammit, Flat 4, Blokk EA taċ-Ċawla H.E.

20.6.2 TM infurmat il-Kunsill sabiex jitneħħa parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' ta' quddiem 138, Triq Sant Ursola, peress li sidha ġie nieqes.

20.6.3 Intalab permess għall-parkeġġ għall-persuni b'diżabilita' ta' George Cassar, Blok G, Flat 4, Taċ-Ċawla H.E. Għandha timtela l-formola rikjesta.

20.6.4 Intalab permess għall-parkeġġ għall-persuni b'diżabilita' ta' Doreen Sacco, 47, Triq id-Dejqa.  Il-Kunsill għandu jagħarraf lill-TM li fi Triq Palma diġa' hemm żewġ parkeġġi riservati għall-perunsi b'diżabilita'.

TM ma ħarġitx permess għall:-

20.6.5 parkeġġ għall-persuni b'diżabilita' quddiem 'Pierenya', Triq Mary Meilaq peress li mhux inqas minn 50 metru l-bogħod hemm parkeġġ riservat li tista' tintuża minn kull min għandu l-Karta l-Blu;

20.6.6 *double line* quddiem bieb ta' Anġelo Muscat fi Triq it-8 ta' Diċembru.  Dan ma jaqax taħt l-*policy* ta' TM u ma jistax jiġi aċċettat.

20.6.7 Tressqet talba għall-*un/laoding bay* quddiem Solar Engineering Ltd. fi Triq Patri Anton Debono.  Il-Kunsill ser iressaq din it-talba għall-approvazzjoni ta' TM.

20.6.8 Tressqet korrispondenza mingħand residenti ta' Triq Wied Seqer rigward *double yellow lines* li hemm n-naħħa l-oħra ta' garaxxijiet fit-triq tal-ġenb.  Dawn is-sinjali kienu saru minħabba li t-triq mhix wiesgħa biżżejjed sabiex wieħed joħroġ il-vettura tiegħu minn dawn il-garaxxijiet.

## 20.7 Xogħlijiet tal-Kunsill

20.7.1 Ġiet sottomessa l-applikazzjoni għaż-żbir tas-siġar ta' Pjazza Indipendenza.

20.7.2 Ġiet sottomessa l-applikazzjoni għaż-żbir tas-siġar tal-parkeġġ il-kbir ta' wara l-*bus terminus.*

## 20.8 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti

Ġew approvati l-pagamenti għax-xahar ta' Frar 2021 skond dokument Ċ anness.

## 20.9 Xogħlijiet oħra

Il-membri qablu li:-

20.9.1 jekk ikun il-każ li tinħareġ sejħa għall-skrivan full time back-to-back scale 15, il-bord tal-għażla jkun kompost mis-Sindku bħala Chairman flimkien ma' Joe Debrincat u Marcell Tabone bħala evalwaturi. Skont S.L.363.20, is-Segretarju Eżekuttiv għandu jkun membru *ex officio* tal-bord u l-membri qablu li tkun s-Segretarja tal-istess bord. Jekk applikant ikun jiġi mis-Sindku, jiġi appuntat il-Viċi Sindku bħala Chairman u jekk applikanti jkunu relatati mal-membri l-oħra tal-bord, jiġu appuntati membri oħra mill-Kunsill biex iservu f'dan il-bord. Is-Segretarju Eżekuttiv għarrfet lill-membri li fil-preżent, is-sejħa tinsab miftuħa għal impjegati ta' dan il-Kunsill u jekk ħadd ma juri nteress, tinħareġ sejħa nterna ma' l-impjegati tal-Kunsilli Maltin u Għawdxin. Jekk f'din il-fażi ukoll ma jkun hemm ħadd interessat, tinħareġ sejħa permezz ta' Jobsplus;

20.9.2 l-bord tal-evalwazzjoni tal-offerti tal-latrini jkun kompost minn William Sultana, Chairman, u George Refalo, Segretarju u Dr. Larry Formosa, Daniel Galea u Fabian Galea, membri;

20.9.3 ssir bozza ġdida fuq arblu eżistenti minflok dik li nqalgħet minn ma 14/15 fi Triq Sette Giugno;

20.9.4 jiġi rrappurtat lill-Ministeru għal Għawdex il-*fencing* tal-grawnd Leli Farrugia minħabba li hu perikoluż.

## 20.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa spiċċat fis-19:30 u laqgħa oħra ser issir nhar it-Tlieta, 30 ta' Marzu, 2021 fil-17:00.

| | |
|---|---|
| Josef Schembri | Miriam Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |